MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 282/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**Spettur Mario Bonnici**
v

**JOSEPH CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH CAMILLERI** bin Paul u Tessie nee Caruana imwieled Pieta fl-1 ta' Frar, 1972, residenti Block A, Flat 6, Triq Santa Ursola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 110672M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar l-4 ta' Mejju, 2001 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet fil-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda;

1. Nhar it-t-tnejn ta' April, 2001, waqt li kien il-Hamrun, ghal habta tal-kwarta ta' wara nofs in nhar, ikkometta serq ta' oggett tad-deheb mill-hanut bl-isem "H. Vassallo and Sons Ltd." liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;
2. Kif ukoll, nhar l-ghaxra ta' April, 2001, waqt li kien f'Rahal il-Gdid, f'xi hin bejn il-hdax ta' filghodu u il-hdax u nofs ta' filghodu ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb mill-hanut bl-isem "C. Cassar Jewellery" liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin;
3. Kif ukoll, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 u t-tlett xhur ta' qabel din id-data, waqt li kien il-Fgura, ikkommetta serq ta' oggett tad-deheb mill-hanut bl-isem "Onyx Jewellers", liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u hu kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin;
4. Kif ukoll, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 u it-tlett xhur ta' qabel din id-data, waqt li kien il-Fgura, ikkommetta serq ta' oggett tad-deheb mill-hanut bl-isem "P. Carabott Jewellery", liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin;
5. Kif ukoll f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 u it-tlett xhur ta' qabel din id-data, waqt li kien Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' curkett tad-deheb mill-hanut bl-isem "Solid Gold Jewellers", liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin;
6. Kif ukoll, nhar l-erbgha ta' Mejju, 2001 ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar, waqt li kien tas-Sliema, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb mill-hanut bl-isem "Christian's Jewellery" liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin;
7. Kif ukoll, nhar l-erbgha ta' Mejju, 2001 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom

jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin;
8. U talli matul il-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza moghtija minnha fis-sebgha ta' Novembru, 2001 [fol 102] fl-ismijiet premessi fejn din il-Qorti kienet iddikjarat l-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u gie kkundannat piena komplessiva ta' sentejn u nofs prigunerija u noltre l-Qorti kienet poggiet lill-istess imputat taht is-supervisjoni ta' Senior Probation Officer ghal perjodu ta' tlett snin u fost il-kundizzjonijiet ta' ordni tal-Probation huwa kellu isegwi u jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-istess Probation Officer billi jzomm kuntatt regolari maghha.

Rat illi fit-tnax ta' Frar, 2004 is-Senior Probation Officer Miriam Sevasta ippresentat denunzja fil-konfront tal-imputat odjern peress illi fil-fehma taghha huwa naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija minnha u cioe` sabiex jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Illi din il-Qorti kienet appuntat din id-denunzja ghall-ewwel ta' Marzu, 2004.

Illi nhar l-erbatax ta' April, 2004 **xehdet is-Senior Probation Officer** u qalet illi l-imputat ma kienx qed jikkomunika maghha ghalkemm huwa ghandu problema ta' droga kif ammessa maghha kif ukoll mal-Probation Officer John Testa. Infurmat lill-Qorti ukoll illi waqt li l-imputat kien il-habs jiskonta sentenza ta' prigunerija, huwa beda jsegwi programm ta' riabilitazzjoni pero' waqt li kien barra jgawdi l-liberta` huwa ma aderix ruhu ma tali bzonnijiet. Stqarret li fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 2004 l-imputat inghata sentenza mill-Qorti u qed jigi segwit mill-Probation Officer John Testa izda dan nonostante huwa ma kienx qed izomm kuntatt regolari mieghu.

Illi nhar l-erbatax ta’ April, 2004 **xehed il-Probation Officer John Testa** u qal illi l-imputat mhux qed izomm appuntamenti u mit-tmienja li kellu attenda biss ghal tlieta minnhom.
Fis-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju, 2004 **reggha xehed John Testa** u qal illi huwa ha zewg “urine samples” tal-imputat u t-tnejn taw rizultat posittiv ghall-presenza ta’ morfina.

Illi fit-tnax ta’ Ottubru, 2004 **xehed l-imputat** Probationer fejn qal illi huwa jinsab fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin jiskonta sentenza ta’ prigunerija u meta gie mistoqsi jekk verament ma kienx qed isegwi l-ordni tal-Ufficjal tal-Probation huwa wiegeb li kien minnu u li dan huwa ghamlu bla raguni ta’ xejn.

Illi minn esami tal-provi prodotti jirrizulta li l-imputat mhuwiex qed jobdi l-ordinijiet tal-Ufficjal tal-Probation u ghalhekk jirrizulta bic-car illi huwa kiser l-ordni tal-Probation mghotija lilu minn din il-Qorti fil-wiehed u ghoxrin ta’ Novembru, 2001.

Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 jipprovdi dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation u jghid:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … <u>jew</u> tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tas-sebgha ta’ Novembru, 2001 kienet apparti li poggiet lil imputat taht probation, ma kienetx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation, imma wara li qiset ic-cirkostanzi tal-kaz kienet wkoll ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sentejn u nofs.

Jigifieri f'dan il-kaz din il-Qorti kienet gia ttratta mal-hati billi kkundannatu 'l fuq imsemmija fis-sentenza tas-sebgha ta’ Novembru, 2001.

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 21(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta' ordni tal-probation da parti tal-imputat probationer JOSEPH CAMILLERI ma tistax terga taghti kundanna ohra ghal istess reati oltre dik li kienet gia tat fl-ewwel sentenza taghha u l-unika triq li hija miftuha ghaliha hi dik li timponi kundanna ta' hlas ta' amenda ta' mitt lira maltin bhala kastig ghal ksur ta' ordni ta' probation *ut sic* imma mhux ser izzid fuq il-kundanna li nghatat bis-sentenza fuq citata.**

**Il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat probationer jhallas l-amenda inflitta f'zewg rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira kull wiehed b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Dicembru, 2004 u dan ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------